**8 ta' Marzu, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Francis Bugeja et.

**Attruppament — Attakk u Reżistenza lill-Pulizija — Konkors ta' Reati — Art. 23 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Huwa veru illi, meta tqum rewwixta, jista' jiġri li xi persuni li ma jkollhom ebda idea li jiksru l-liġi jsibu ruħhom, "nolens volens", travolti fil-ffumana tal-folla skjamazzanti, bla ma jridu; iżda huwa wkoll veru li min ikun qiegħed josserva dak li qiegħed isir, u jiġi wara jixhed dwar il-każ, ikun jista' jara tajjeb li dawn it-talin, spinti kontra l-volontà tagħhom mill-folla, fil-fatt ma jkunu qegħdin jagħmlu ebda att pożittiv li jista' jiġi nterpretat bħala parteċipazzjoni ostili u attiva, mentri għar-rigward tal-oħrajn ikun jista' jara ugwalment tajjeb li dawn l-oħrajn ikunu qegħdin jiddiportaw ruħhom b'mod li juri biċ-ċar li huma ma kienux traxxinati fil-massa tan-nies bla ma riedu, imma kienu qegħdin jieħdu parti kriminuża attiva. Fatt hu, għalhekk li persuna travolta kontra l-volontà tagħha tidher li tkun qegħedha tagħmel, mhux attijiet ostili, imma attijiet ta' min ikun qiegħed ansjożament ifittex li mill-aktar fis jiddistrika ruħu mill-folla.*

*Il-kwistjoni tal-konkors tar-reati, jew assorbiment tagħhom, tirriżolvi ruħha filli l-ġudikant jara jekk hemmx xi "nexus" bejn fatt u ieħor li jista' jiġi kunsidrat bħala "nexus" mhux aċċidentali, effett tal-pertinaċja kriminuża tal-imputat, imma xi "nexus" naturali ossija ġuridiku, b'mod li jġib l-uniċità tar-reat. Hekk, minn jieħu parti attiva f'attruppament, mhux neċessarjament għandu fl-istess ħin jindaħal fid-doveri tal-Pulizija; u allura ma hemmx ness ġuridiku bejn dawn iż-żewġ reati, u kwindi ma jikkostitwux reat uniku.*

*Għar-reat ta' attruppament ma hemmx bżonn il-prekonċert, imma hu biżżejjed li ċ-ċirkustanzi juru li l-persuna li tkun*

*imputata tkun qegħedha bl-attijiet tagħha turi li hi qegħedha tagixxi, flimkien ma' oħrajn, bi skop komuni, sija pure mhux prekonċertat.*

***Meta wieħed jiġi misjub ħati ta' żewġ reati, u għal wieħed minnhom jiġi mogħti l-benefiċċju tal-liberazzjoni kondizzjonali, proprjament ma jkunx il-każ ta' konkors ta' reati u pieni, almenu "rebus sic stantibus". Dan il-pont, se maj, jista' talvolta jinqala' għall-konsiderazzjoni, "si et quatenus", fil-każ li l-imputat jikser l-obligazzjoni lilu mposta bl-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali għar-rigward tar-reat li minnu ġie liberat kondizzjonalment.***

Il-Qorti:— Rat ir-rinviju mill-Attorney Generali tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fil-kawża fuq imsemmija, tas-16 ta' Ottubru 1957, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi fuq l-imputazzjoni talli fl-Empire Stadium, il-Gżira, fil-21 ta' April 1957, għall-ħabta tal-5 p.m., waqt partita football bejn it-team tal-Floriana u t-team ta' tas-Sliema, ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reati, liema reati fil-fatt saru, u ċjoè dawk li huma msemmijin hawn taħt:—

1. Il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-art. 3 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 86/1947, li jipprojbixxi d-dħul fil-post tal-logħob u fil-mogħdija tat-tiġrijiet fl-Empire Stadium minn persuni mhux awtorizzati, il-molestja b'xi mod jew ieħor tal-uffiċjali u tal-players, u xkiel u diżordni fil-logħob, u t-taħwid fl-ordni publiku;

2. It-tfiegħ ta' ħwejjeġ iebsin b'perikolu tan-nies;

3. L-għemil ta' ħsara volontarja ta' ħwejjeġ mobili jew immobili tal-valur ta' aktar minn £100 għad-dannu tal-proprjetarju tal-imsemmi Stadium, Anthony Sciclunа, u ta' persuni oħra;

4. L-attakk u reżistenza bi vjolenza u b'ħebb kontra membri tal-Pulizija nkarigati skond il-liġi minn servizz publiku, waqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi;

5. It-theddid ta' diversi membri tal-Pulizija nkarigati skond il-liġi minn servizz publiku, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li jagħmlu dan is-servizz, kif ukoll b'għemil ta' offiżi fuq il-persuna tagħhom, fosthom tal-Ispettur Aurelio Caruana, li sofra offiża ta' importanza żgħira skond ċertifikat ta' *Dr. Albert V. Camilleri* hawn anness, u li qiegħed jiġi markat dok. "A", il-kuntistabbli 363 Francis Cauchi, li sofra offiża ta' natura ħafifa skond iċ-ċertifikat ta' Dr. George Zammit Maempel, M.D., anness u markat dok. "B", u l-kuntistabbli 187 Anthony Spiteri, li sofra offiża ta' importanza żgħira skond ċertifikat ta' Dr. Charles Caruana Galizia, M.D., anness u markat dok. "C";

6. *It-tfixkil tal-membri tal-Pulizija*, persuni nkarigati minn servizz publiku, waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, kif ukoll l-indħil b'xi mod jew ieħor bla jedd fi dmirhom;

*Barra minn dan, fuq l-imputazzjoni talli Joseph Ala*mango (mhux appellant) u l-appellant Francis Bugeja xewwxu publikament persuni oħra biex jiksru d-dispożizzjonijiet tal-art. 3 tan-*Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 86/1947*, li tipprojbixxi d-dħul fil-post tal-logħob u fil-mogħdija tattiġrijiet fl-Empire Stadium minn persuni mhux awtorizzati, il-molestja b'xi mod jew ieħor tal-uffiċjali u tal-players, u li jikkaġunaw b'xi mod jew ieħor xkiel u diżordni fil-logħob u taħwid fl-ordni publiku;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Diċembru 1957, li biha sabet lill-imputat Francis Bugeja ħati talli ħa parti f'ġemgħa ta' aktar minn għaxra minn nies sabiex *jagħmlu ħsara fl-Empire Stadium ta' aktar minn £10 iżda* anqas minn £100, u kkundannatu għaxar tijiem lavori forzati, u lliberatu mill-imputazzjonijiet l-oħra minħabba nuqqas ta' provi; sabet lill-imputat Anthony Dalli ħati talli ħa sehem f'ġemgħa ta' nies bil-ħsieb li jagħmlu ħsara fl-Empire Stadium ta' aktar minn £10 iżda anqas minn 100, u kkundannatu għaxar tijiem lavori forzati; ħati talli ħa parti f'ġemgħa ta' nies bil-ħsieb li jinvadu l-ground, waqt li kien qiegħed isir il-logħob tal-football, u kkundannatu £5 multa; u sabitu wkoll ħati talli beżża' jew influwixxa fuq P.C. Anthony Spiteri u P.C. Harry Kitcher fl-eżekuzzjoni

tas-servizzi tagħhom; sabet lill-imputat Joseph Galea ħati talli ħa parti f'ġemgħa ta' nies ta' iżjed minn għaxra bl-iskop li joħorġu fil-"pitch" tal-Empire Stadium waqt partita football, u kkundannatu £5 multa, u ħati talli ħa parti f'ġemgħa ta' iżjed minn għaxra minn nies bi skop li jagħmlu ħsara fl-Empire Stadium u kkaġunaw ħsara ta' iżjed minn £3 imma anqas minn £10, u kkundannatu tliet ijiem priġunerija, u anki ħati talli kkaġuna ferita ta' natura ħafifa u ta' ftit importanza fuq il-persuna ta' P.C. 187 Anthony Spiteri, persuna nkarikata minn servizz publiku, waqt li kien jagħmel dan is-servizz, u kkundannatu £5 multa; u sabet lill-imputat Joseph Micallef mhux ħati tal-imputazzjoni li hu nvada l-"pitch" tal-Empire Stadium waqt partita football minħabba nuqqas ta' provi, iżda ħati talli ħa sehem f'ġemgħa ta' iżjed minn għaxra minn nies bl-iskop li jagħmlu ħsara fl-Empire Stadium, kif fil-fatt saret ħsara ta' iżjed minn £10, iżda anqas minn £100, u kkundannatu għaxar tijiem lavori forzati, u ħati wkoll talli rreżista bi vjolenza jew b'ħebb kontra persuna nkarikata minn servizz publiku fil-waqt li kien jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi, iżda, minħabba fil-kondotta tajba tiegħu preċedenti u ċ-ċirkustanzi l-oħra tal-każ, illiberatu taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Liġijiet Kriminali;

Rat fol. 189 tal-inkartament ir-rikors li bih l-imputat Francis Bugeja appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi meħlus minn kull imputazzjoni u piena;

Rat fol. 192 ir-rikors tal-imputat Anthony Dalli, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Rat fol. 195 ir-rikors tal-imputat Joseph Galea, li bih appella mill-istess deċiżjoni, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Rat fol. 198 ir-rikors tal-imputat Joseph Micallef, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi modifikata (sic) — recte riformata — billi tiġi konfermata fil-parti tagħha li biha l-imputat ġie liberat minn imputaz-

zjoni waħda, u li tiġi revokata f'dawk il-partijiet tagħha fejn instab ħati, billi jiġi assolt "in toto", jew, in subordine, billi jiġi lilu akkordat il-benefiċċju tal-art. 23(1) (a) tal-Kodiċi Kriminali;

Trattati dawn l-erbgħa appelli;

Ikkunsidrat;

L-ewwel indaġini ta' din il-Qorti kienet dik li tissodisfa ruħha illi l-Maġistrat deċident in prim' istanza sab sewwa l-fatti li fis-sentenza tiegħu ġew addebitati lil kull wieħed mill-appellanti. Din il-Qorti, sabiex tasal għal dan l-aċċertament, eżaminat akkuratament il-provi u għamlet iċ-ċernita tagħhom, separatament u distintament għar-rigward ta' kull appellant, billi fl-istudju tagħha tal-każ niżżlet fin-notamenti tagħha ħdejn l-isem ta' kull appellant il-provi li jirrigwardawh, "in offensis" u "in defensis", u wara li għamlet hekk ikkonfrontat ir-riżultat ta' dan l-ispigolament li hu għamel għax-xhiediet li jirrigwardaw kull appellant; u sabet akkurata u korretta l-evalwazzjoni tal-fatti mill-Ewwel Qorti rispettivament addebitati lil kull wieħed mill-appellanti. Per konsegwenza, din il-Qorti tinsab assigurata u soddisfatta li, kwantu għall-fatti, dawn huma dawk li sab il-Maġistrat;

Fit-tieni lok, għandha ssir osservazzjoni ġenerali in meritu għal wieħed mill-argumenti li nġiebu mid-difiża u li kien ikopri l-każ tal-appellanti kollha. Hu veru, kif osservaw id-difensuri, illi meta tqum rewwixta, bħal ma qamet fl-Empire Stadium f'din l-okkażjoni, jista' jiġri li xi persuni li ma jkollhom ebda idea li jiksru l-liġi, isibu ruħhom "nolens volens" travolti fil-fjumana tal-folla skjamazzanti, bla ma jridu; iżda huwa wkoll veru li min ikun qiegħed josserva dak li qed isir, u jiġi wara jixhed dwar il-każ, ikun jista' jara tajjeb li dawn it-talin, spinti kontra l-volontà tagħhom mill-folla, fil-fatt ma jkunu qegħdin jagħmlu ebda att pożittiv li jista' jiġi nterpretat bħala parteċipazzjoni ostili u attiva, mentri għar-rigward tal-oħrajn ikun jista' jara ugwalment tajjeb li dawn l-oħrajn ikunu qegħdin jiddiportaw ruħhom b'mod li juri biċ-ċar li huma ma kienux

traxxinati fil-massa tan-nies bla ma riedu, imma kienu qegħdin jieħdu parti kriminuża attiva;

Hekk, għar-rigward tal-imputat Bugeja, ma humiex attijiet ta', persuna innoċenti li taqbad blokka tal-konkrit u tkisser il-bankijiet, u lanqas li tiskossja ma' nies oħra l-"fence" diviżorja u tbattiha fl-art;

Hekk għar-rigward tal-imputat Dalli, min isib ruħu bla ma jrid travolt mill-folla ma jiskossjax il-"fence", ma jgħawwiġx il-ħadid tagħha, u ma jkisserx il-bankijiet, u lanqas jieħu persuna arrestata minn idejn il-Pulizija;

Hekk ukoll, għar-rigward tal-imputat Galea, min isib ruħu fil-folla tumultwanti bla rieda tiegħu ma jmurx ġewwa l-"goal posts" u b'mus iqatta x-xibka, u lanqas ixejjer bissieq lill-Pulizija li jmorru jżommuh;

U, kwantu għall-imputat Micallef, min isib ruħu bla ma jrid fil-folla kriminuża ma jerġax iwaqqa' l-"fence" x'ħin il-Pulizija rnexxielha terġa' ttellgħu, u lanqas jitħabat mal-Pulizija, f'lok jinvoka l-protezzjoni tagħha, u jxejjer bil-ponn u jtajjar il-berritta tal-Pulizija, jew jagħti bissieq liż-żiemel tal-kavallerija tal-Pulizija;

Fatt hu, għalhekk, li persuna travolta kontra l-volontà tagħha tidher li tkun qegħdha tagħmel, mhux attijiet ostili, imma attijiet ta' min ikun qiegħed ansjożament jfittex li mill-aktar fis jiddistrika ruħu mill-folla;

**Ikkunsidrat;**

Kwantu għall-appellant Bugeja, l-aggravju, kif dedott, hu wieħed purament ta' fatt; iżda din il-Qorti ġa qalet li l-fatti ġew misjuba sewwa mill-Maġistrat;

Kwantu għall-imputat Dalli, anki fil-każ tiegħu ġew kontrastati bħala gravam tal-appell il-fatti; iżda dawn ġew valjati korrettament mill-Ewwel Qorti. Gravam ieħor jirrigwarda l-konkors tar-reati, u anki l-assorbiment tagħhom. Kwantu għal dan tal-aħħar, din il-kwistjoni tirriżolvi ruħha filli l-ġudikant jara jekk kienx hemm xi "nexus"

bejn fatt u ieħor li jista' jiġi kunsidrat bħala "nexus" mhux aċċidentali, effett tal-pertinaċja kriminuża ta' dan l-appellant, imma xi "nexus" naturali ossija ġuridiku, b'mod li jġib l-uniċità ta' reat (ara "Rex. vs. Degiorgio", 29 ta' Jannar 1957, Qorti Kriminali bi tliet Imħallfin; u, qabel, "Rex vs. Simler", 11 ta' Marzu 1921; "Rex vs. Farrugia", 6 ta' Diċembru 1926; "Rex vs. Caruana", 16 ta' Novembru 1928; u, wara, "Rex vs. Caruana", 27 ta' Jannar 1942). Issa, din il-Qorti ma ssibx din l-inseparabbiltà ġuridika f'dan il-każ; għax, kwantu għat-tieni reat li tiegħu dan l-appellant instab ħati, hu seta' waqaf hemm, u daħal ġewwa l-ground biss waqt li qegħedha tintlagħab il-partita tal-football; imma hu għadda aktar l-hemm, u ħa parti f'dik il-ġemgħa ta' nies li kellha l-ħsieb, jew "common design", anki mhux prekonċertat, li tagħmel ħsara, u fil-fatt għamlet ħsara fl-Empire Stadium; u għadda aktar l-hemm b'malizzja tiegħu; kif ukoll l-att ulterjuri tiegħu, kostitwenti t-tielet reat li tiegħu nstab ħati, kien ugwalment effett ulterjuri tal-volontà kriminuża tiegħu. Biex wieħed jillustra l-każ aħjar, jista' jesprimi ruħu sempliċistikament b'dan il-mod; seta' ta l-każ li l-imputat daħal biss ġewwa l-ground bla ma għadda biex jiddanneġġja, u seta' ta l-każ li daħal u ddanneġġja bla ma għadda biex indaħal fid-doveri tal-Pulizija bil-mod kif għamel; u dan, għad-differenza tal-każ tipiku ta' uniċità fir-reati ta' inġurja u kalunnja, peress li min jikkalunnja fil-waqt stess qiegħed jinġurja, irid u ma jridx;

Kwantu għall-imputat Bugeja, il-gravami huma dawn. Ġew, anki għar-rigward tiegħu, kontestati l-fatti; iżda dawn huma sewwa kif valjati mill-Qorti tal-Ewwel Grad. Ġie anki nvokat bħala gravam il-pont tal-konkors ta' reati u tal-assorbiment; iżda jgħoddu għal dan l-imputat l-osservazzjonijiet ġa magħmula għar-rigward tal-imputat Dalli; għaliex jattaljaw ruħhom anki għal dan il-każ;

Kwantu għall-imputat Micallef, ġew addotti dawn il-gravami. Intqal li, se maj, ir-reat li tiegħu nstab ħati, ċjoè wieħed minnhom, kien imissu dak taħt l-art. 94, u mhux taħt l-art. 95, għaliex il-membri tal-Pulizija ma kienux qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi minn awtorità kompetenti; iżda

hu ovvju li din ir-raġuni mhijiex fondata, għaliex il-membri tal-Pulizija kienu qegħedin jaġixxu, taħt ċirkustanzi ta' perikolu u ta' provokazzjoni, biex ma jsirux delitti, u taħt ordnijiet tas-superjuri tagħhom. Ingħad ukoll li ma jidherx li, kwantu għar-reat ta' attruppament, ġew pruvati l-elementi tiegħu fil-konfront ta' dan l-imputat. Iżda l-provi juru ċar il-kuntrarju; u hu intuwittiv li għal dan ir-reat ma hemmx bżonn il-prekonċert, imma bizżejjed li miċ-ċirkustanzi jkun jidher li l-persuna li tkun imputata tkun qegħedha bl-attitjiet tagħha turi li hi qegħedha taġixxi, flimkien ma' oħrajn, bi skop komuni, sija pure mhux prekonċertat. Ġie anki nvokat il-konkors tar-reati. Verament dan l-imputat ġie misjub ħati ta' żewġ reati, u għal wieħed minnhom ħa l-benefiċċju tal-liberazzjoni kondizzjonali; kosikkè proprjament ma hux il-każ ta' konkors ta' reati u pieni, almenu "rebus sic stantibus". Dan il-pont, se maj, jista' talvolta jinqala' għall-konsiderazzjoni, "si et quatenus", fil-każ li l-imputat jikser l-obligazzjoni mposta lilu bl-art. 23 għar-rigward tat-tieni reat li tiegħu nstab ħati. Ġie anki mitlub, in subordine, l-istess benefiċċju għar-rigward tal-ewwel reat; iżda din il-Qorti mhijiex affattu ta' fehma li x-xorta u ċ-ċirkustanzi tal-fatt huma tali li jissuġġerixxu l-għoti ta' dak il-benefiċċju; anzi forsi kien ġeneruż il-Maġistrat, li akkorda dak il-benefiċċju lil dan l-imputat għar-rigward tat-tieni reat;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-erbgħa appelli, u tikkonferma fir-rigward tal-erbgħa appellanti s-sentenza tal-prima istanza minnhom appellata.